MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Referenza Kostituzzjonali Numru. 12/2007

**Fl-atti tar-Referenza Kostituzzjonali**
**Numru 12/2007 fl-ismijiet**
**Il-Pulizija**
**vs**
**Lorraine Falzon**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**Sentenza Qorti Magistrati**

Illi r-rikorrenti kienet giet akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati u akkuzata talli fil-Bajja tal-Gnejna, f’xatt il-

bahar kienet gharwiena jew ma kinitx liebsa xieraq, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'sentenza tat-22 ta' Novembru 2006 ir-rikorrenti nstabet hatja taht l-artikolu 338 (q) tal-Kap 9, izda giet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien gimgha mid-data tas-sentenza a termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali**

Ir-rikorrenti appellat minn dina s-sentenza billi sostniet li l-fatt ma kienx jikkostitwixxi reat.

Illi fost l-aggravji tar-rikorrenti fl-appell taghha quddiem il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali kien hemm is-segwenti li :-

"Kwalunkwe dikjarazzjoni ta' htija, anki jekk it-trattament ikun taht il-Kap.446, ikun jikkostitwixxi ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem, li hadd ma jista' jinstab hati ta' reat li mhux reat."

**Referenza Kostituzzjonali**

Quddiem il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali r-rikorrenti kienet tablet referenza Kostituzzjonali li tiskaturixxi mill-incertezza tal-ligi fl-artikolu 338(q) u partikolarment fit-tieni ipotesi tieghu.

Ir-rikorrent kienet ipprezentat nota li biha sostniet it-talba taghha ghar-referenza.

Fin-nota hija qajmet formalment il-kwistjoni dwar l-incertezza tal-ligi u l-kriterju assolutament soggettiv ghal gudikant tat-tieni parti ta' l-artikolu 338(q) li jghid '*fil-portijiet, fi xtut il-bahar jew f'lok iehor pubbliku, jinza' gharwien* <u>*jew ma jkunx liebes xieraq'.*</u> L-ilment hu fuq il-parti sottolinejata. Fil-waqt li fl-ewwel parti l-element

kostitutiv tar-reat huwa espress car (jinza gharwien) u ghalhekk hu projbit in ‘*nude bathing’*, fit-tieni parti l-*actus reus* mhux stabbilit mill-ligi imma huwa mholli ghall-apprezzament tal-gudikant jew tal-prosekuzzjoni. Il-kriterju huwa wkoll relattiv u jiddependi minn kriterji jew forma mentis tal-gudikant. Din hi kontravenzjoni ghalhekk ma tehtiegx *mens rea* imma f’dan il-ligi ma tghidx f’hiex jikkonsisti r-reat bhala fatt (*actus reus*) ghalhekk dan jikser l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja (*nullum crimen sine lege*).

L-Avukat Generali, ghall-prosekuzzjoni, kien wiegeb li mhux minnu li l-artikolu 338(q) huwa nieqes mill-kjarezza rikjesta mill-ligi billi huwa l-agir tal-persuna tramite l-ilbies li hija tilbes (jew ma tilbisx) li twassal ghal agir kontra l-ordni pubbliku. Biex ligi tkun cara, mhux bilfors trid teskludi kull lok ghall-interpretazzoni u kjarifiki.

Fit-8 ta’ Marzu 2007 il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kienet ikkunsidrat it-talba tar-rikorrenti u qalet li ‘Certi koncetti ta’ x’inhu ilbies xieraq u x’ mhux, (tul iz-zmien), komplew jevolvu jew jiddeterjoraw skond kif wiehed ihares lejn din il-kwistjoni. Tkun xi tkun il-fehma tal-gudikant individwali, fl-assenza ta’ dispozizzjoni cara u tonda x’jista u x’ma jistax jintlibes, il-kwistjoni ser tibqa’ wahda soggettiva ghall-ahhar u apparti mill-fatturi ta’ post u hin u cirkostanzi tiddependi mill-*forma mentis* ossia l-*make up* psikologiku w morali w l-ottika tal-gudikant partikolari. Ikun hemm kazijiet ta’ ilbies mhux xieraq ovvji ghal x’ uhud u inqas ovvji ghall-ohrajn’.

Il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ghalhekk iddecidiet hekk:

‘Illi ghalhekk din il-Qorti ma thossx li tista’ tiddisponi minn din il-kwistjoni billi tiddikjaraha bhala wahda *“frivola jew vessatorja”,*

‘Illi l-Art. 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 4 (3) ta’ l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319) jipprovdu li jekk f’xi proceduri f’xi Qorti li ma tkunx il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta’ xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta’ l-artikoli

33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kemm il-darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; w dik il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu w l-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

'Ghalhekk, rinfaccjata b'din il-pregudizzjali sollevata mill-appellanti w talba biex din il-Qorti tirriferixxi l-kwistjoni lill-Qorti Civili, Prim'Awla, din il-Qorti ser ikollha, a tenur tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni, w l-artikolu 4 (3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), tibghat, kif qed tibghat, il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex taghti d-decizjoni taghha fuq il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha kif ukoll fin-nota fuq imsemmija tal-appellanti tas-6 ta' Frar, 2007 u tal-verbal registrat fl-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2007'.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-rikorrenti kienet giet akkuzata li kisret u nstabet hatja taht l-artikolu 338(q) tal-Kap 9 li jipprovvdi li:

Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min -

(*q)* fil-portijiet, fi xtut il-bahar jew f'lok iehor pubbliku, jinza' gharwien <u>jew ma jkunx liebes xieraq'.</u>

Illi bl-emenda introdotta ghal dan l-artikolu bl-Att XLI tas-sena 1933, li dak iz-zmien kien enumerat 339(21), il-kontravvenzjoni ta' min, fil-portijiet, fuq l-ispjageg marittimi, vicin l-abitat, jesponi ruhu gharwien, biex jghum jew biex jistghad jew jigbor il-frott tal-bahar, giet mibdula biex tinkludi ukoll dik ta' min fil-portijiet, fuq l-ispjageg marittimi jew f' kull post iehor pubbliku, jesponi ruhu

gharwien jew <u>mhux liebes xieraq</u>. (fit-test Ingliz "*whosoever in the harbours, on the sea-shore or in any other public place, exposes himself naked <u>or indecently dressed.")</u>*

Ir-rikorrenti qed tikkontesta l-ahhar parti ta' dana s-sub-artikolu billi ssostni li ma hemmx fil-Kap 9 f'hiex jikkonsisti r-reat bhala fatt u ghalhekk dan jikser l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ghalhekk ir-rikorrenti qed tikkontesta l-parti tas-subartikolu 338(q) li get mizjuda bl-emenda tal-1933.

L-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jghid is-segwenti :-

"(i) *No one shall be guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national or international law at the time when it was committed*."

Li ai terminu ta' dan l-artikolu :-

(i) huwa projbit li persuna tigi akkuzata b' reat meta fil-mument meta hija ikkommettiet l-att, dak l-att ma kienx jammonta ghal reat , i.e. *retroactive application of a criminal offence*;
(ii) persuna tista' titressaq biss ghal reat illi kien jammonta ghal tali meta gie kommess l-att;
(iii) isegwi illi sabiex tkun taf jekk l-azzjoni hijiex wahda kriminali jew le, jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi dak ir-reat tkun accessibbli u cara, i.e. *"legal certainty."*

Fil-kazistika tal-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem insibu li:

'*Article 7 embodies the general principle that offences must be based in law, and that an individual must be able to know from the wording of the relevant provisions, and if need be, with the assistance of the court's interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable*. **(Kokkinakis para 52).**

*'It generally entails that the law must be adequately accessible – an individual must have an indication of the legal rules applicable in a given case – and he must be able to foresee the consequences of his actions, in particular, to be able to avoid incurring the sanction of the criminal law. (**G v France** para 25 where notwithstanding changes in legislation leading to reclassification of the sexual offences of which the applicant was accused, these fell within the scope of the Criminal Code provisions, which were accessible and foreseeable).*

*In terms of the standard of foreseeability, absolute certainty cannot be required, and indeed may be undesirable, entailing the risk of excessive rigidity, since the law has to be able to keep pace with changing circumstances. A standard of 'reasonable foreseeability' is sufficient.* (**Sunday Times** para 49).

**Fatti**

Bhala fatti l-partijiet jaqblu li jirrizulta li l-pulizija kienu nnotaw zewg persuni, f'parti mill-bajja tal-Gnejna, wiehed maskili li kien kompletament gharwien, u kien hemm ir-rikorrenti mieghu li kienet *topless*. Kien hemm nies ohra hdejhom li kienu lebsin normali. Fil-post fejn kienet ir-rikorrenti ma kienx hemm tabelli li jghidu li ma jistax jsir *topless bathing*. Ir-rikorrenti kienet libsa biss il-parti ta' taht tal-bikini.

**Kontestazzjoni**

Ir-rikorrenti tikkontendi li l-fatt li mara tkun *topless* fuq il-*beach*, specjalment f'parti tal-bajja mhux facilment accessibbli ghan-nies, ma jirrendiex mara, gharwiena, u ghalhekk ma kienx hemm reat. Lanqas mara nofsha gharwiena ma hi gharwiena. Persuna hija jew gharwiena jew mhiex gharwiena.

Dwar it-tieni ipotesi tal-ligi, li ma kinitx liebsa xieraq, ir-rikorrenti tirritjeni li hawn si tratta ta' element assolutament

soggettiv u mhux necessarjament kriteju legali li fuqu tista' tinstab il-htija.

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami l-ewwel parti ta' l-artikolu 338 (q) ma tapplikax billi, kuntrarjament ghal *partner* li kien mar-rikorrent, hija ma kinitx gharwiena izda kellha biss fuqha l-parti t'isfel tal-bikini.

Ir-rikorrenti pero' tghid li t-tieni parti ta' l-artikolu, cjoe li ma kinitx liebsa xieraq, ma tapplikax billi 'x'inhu ilbies xieraq' huwa element assolutament soggettiv u mhux necessarjament kriterju legali li fuqu tista' tinstab il-htija.

Jirrizulta mill-provi li fil-bajja in kwistjoni ma kien hemm l-ebda avviz li ma tistax tghum *topless*. Mhux kontestat pero' li f'diversi bajjiet u inhawi f'Malta hemm avvizi li jipprojbixxu t-*topless bathing* fil-bajjiet taghna. Il-Maltin kollha dan jafuh. Ghalhekk ir-rikorrenti, li hija Maltija, ma tistax tghid li ma kinitx taf li fis-socjeta' maltija hu projbit u mhux accettat mill-awtoritajiet li jsir *topless bathing* fil-bajjiet u dana ghax hu kunsidrat bhala lbies mhux xieraq. Kien ghalhekk *reasonably foreseeable* ghar-rikorrent li l-agir taghha kien jikser il-ligi.

Veru li hafna drabi l-kriterji dwar x'inhu accettabbili jew le, u x'inhu xieraq u x'mhux, jinbidlu maz-zmien, izda fl-istat tas-socjeta' f'Malta kif inhi llum, mhux accettat li jsir *topless bathing*. Ghalhekk it-tieni parti ta' l-artikolu 338(q) ghandha tinfiehem f'dan is-sens, cjoe li persuna li tesponi ruhha *topless* fil-bajja, ma tkunx liebsa xieraq.

Fil-ligi ma hemmx definizzjoni ta' 'ilbies xieraq' u dan ma jistax ikun mod iehor billi l-ligi qeghdha hemm biex tistabbilixxi l-principju biss (ghax hu kwazi impossibili li l-ligi telenka kull sitwazzjoni li tista' tammonta ghal lbies mhux xieraq) u sta ghal Qorti li tezamina l-fatti ta' kull kaz u twiezinhom u tasal ghall konkluzzoni taghha jekk dawk il-fatti jammontawx ghall ilbies xieraq jew le.

Kif qalet il-Qorti Ewropeja fil kaz S.W. u C.R. v United Kingdom, *judicial interpretation of criminal law provisions was a widespread and even necessary feature. Article 7 cannot be read as prohibiting the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case, but the resultant development must be within the bounds of reasonable foreseeability and not alter the 'essence' of the offence*. (Kokkinakis para 52 u G v France para 26).

L-ahhar parti ta' l-artikolu 338 (q) tal-Kap 9 ghandha tigi interpretata fid-dawl ta' l-ewwel parti ta' l-istess artikolu, f'liema parti wiehed isib espressjoni cara ta' l-elementi tal-kontravenzjoni in kwisjtoni. Fit-tieni parti l-uniku fatt li hemm huwa li persuna trid tkun liebsa xieraq. Issa li mara tkun gharwiena hlief ghal qalziet (*topless*) mhux meqjuz fis-socjeta' maltija bhala ilbies xieraq kif inhi l-ligi llum. Hu ghalhekk ukoll li dan l-artikolu m'ghandux jinqara *in vacuo* izda ghandu jinqara u jinftiehem fil-kuntest ta' ordni pubblika vigenti f'Malta.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li fil-kaz in ezami ma kien hemm ebda ksur ta' l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara li ma hemm ebda ksur ta' l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja
U tordna li l-atti jintbghatu lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghal prosegwiment u decizjoni tal-kaz minn dika l-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------